MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Neeson Abela (ID: 360395M)**
**Catriel Mark Refalo (ID: 338997M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Neeson Abela u Catriel Mark Refalo** talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda fit-8 ta' Lulju 2016 u l-gimghat/xhur ta' qabel f'hinijiet differenti (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

Minn gewwa l-istabbiliment Bortex li jinsab gewwa Baystreet Shopping Complex, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, serqu flokkijiet u malja ghad-dannu ta' International Fashion Ltd, George Muscat, Cliona Muscat, Paul Camilleri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin

centezmu) u bil-mezz. (Art 261 (b), (c), 263 (a), 267, 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Akkuzati wkoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi minn gewwa Zara li jinsab Tas-Sliema u/jew fil-vicinanzi serqu qmis u glekk ghad-dannu ta' Alhambra Trading Ltd, Paul Gauci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz (Art 261 (b), 263 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Catriel Mark Refalo wahdu huwa akkuzat talli fl-istess perjodu u cirkostanzi minn gewwa Springfield li jinsab f'Tigne Point, Sliema, seraq diversi bicciet ta' hwejjeg ghad-dannu ta' Future Fashion Limited u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz (Art 261 (b), 263 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Catriel Mark Refalo huwa akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi minn gewwa Hilfiger Denim li jinsab gewwa Tigne Point, Sliema, u/jew fil-vicinanzi seraq flokk ghad-dannu ta' Joseph Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz (Art 261 (b), 263 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

It-tnejn li huma huma akkuzati talli fl-istess perjodu u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom (Art 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw l-posizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi l-fatti mertu tal-kawza jirrigwardaw numru ta' serqiet li wettqu l-imputati minn diversi hwienet.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom li minnha jirrizulta illi filwaqt illi Neeson Abela diga' gie misjub hati f'okkazjoni ohra minn dawn il-Qrati fuq reat ta' serq, il-fedina ta' Catriel Mark Refolo hija wahda netta. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputati mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u wkoll li parti mir-*res furtiva* giet ritornata lill-Pulizija u l-imputati urew li jridu jaghmlu tajjeb ghall-hsara li kkawzaw.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261 (b), (c), 263 (a), 267, 279 (a) fuq ammissjoni ssib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom *ad eccetto* l-ahhar wahda peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra, u ghaldqstant lil **Neeson Abela** tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sentejn (2) mil-lum u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat **Neeson Abela** biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u tletin ewro (€238) lid-derubati.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) u 28H (7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) u/jew jekk ma jhallasx l-ammont fuq indikat fiz-zmien prefiss.

Filwaqt li lil **Catriel Mark Refalo** b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qieghdha tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment u tordnalu wkoll li jhallas is-somma ta' mitejn u wiehed u disghin ewro (€291) lid-derubati fi zmien sitt (6) xhur ai termini tal-artiklu 24(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija jew jekk ma jhallasx is-somma indikata fil-paragrafu precedenti fiz-zmien koncess lilu.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Catriel Mark Refalo.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur